IŻ-ŻEBBUĠ

MARSALFORN

# MILIED 2014

## *ATTIVITAJIET ORGANIZZATA MILL-KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ*

### ŻJARA MILL-PRESIDENT TA' MALTA

**Il-Ħadd 21 ta' Diċembru 2014 fil-11.15 ta' filgħodu**, il-Kunsill Lokali flimkien mal-Parroċċa ser inkunu qed nilqgħu fostna lill-E.T. is-Sinjura Marie Louise Coleiro Preca, President ta' Malta. Għaż-żjara fostna tal-President ta' Malta, ser intellgħu attivita` tal-Milied bis-sehem tal-għaqdiet tal-lokalita` tagħna fi Pjazza l-Assunta, Iż-Żebbuġ. Jekk it-temp ma jkunx jippermetti li l-attivita` ssir fil-beraħ, l-attivita` ser issir fis-Sala taċ-Ċentru Parrokkjali Żebbuġ. Nixtiequ navżaw li l-attivita` fiż-Żebbuġ ser tkun imxandra *live* fuq TVM, għalhekk qed inħeġġu l-preżenza u l-parteċipazzjoni tagħkom ir-residenti f' din l-attivita`. Fi tmiem tal-attivita`, ser inkunu qed ngħaddu lill-President, l-għotjiet tagħkom ir-residenti għall-Istrina 2014 b' risq il-Community Chest Fund. Għalhekk ma' dan il-bullettin, qed inqassmu envelops biex min ikun jixtieq jagħmel donazzjoni għall-Istrina. Dawn l-envelops għandhom jintefgħu f' kaxxa apposta fil-knisja sal-Ħadd 21 ta' Diċembru sal-10.00 ta' filgħodu. Nixtiequ nappellaw għall-ġenerożita` tagħkom għal dan il-għan nobbli.

### KOMPETIZZJONI PRESEPJI

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ ser jorganizza kompetizzjoni tal-presepji. Il-kompetizzjoni hija miftuħa għall-presepji li jsiru fil-lokalita` tagħna. Il-kompetizzjoni ser tkun maqsuma f' żewġ kategoriji, kategorija presepji żgħar daqs sa metru u nofs kubu u kategorija presepji kbar, akbar minn metru u nofs kubu. Dawk li jixtiequ jipparteċipaw f' din il-kompetizzjoni, mitluba biex jinkitbu l-Kunsill **sal-Ġimgħa 19 ta' Diċembru 2014**. Inħeġġu lid-dilettanti kollha biex jinkitbu għal din il-kompetizzjoni. Ir-riżultat tal-kompetizzjoni jitħabbar f' Jum il-Milied fil-quddiesa tal-11.00 ta' filgħodu fil-knisja taż-Żebbuġ.

### FESTIN GĦAT-TFAL

**Is-Sibt 27 ta' Diċembru 2014 f' nofsinhar**, ser isir festin għat-tfal kollha taż-Żebbuġ u ta' Marsalforn sa 14-il sena fis-sala taċ-Ċentru Parrokkjali taż-Żebbuġ. Ser ikun

hemm ikel, logħob u divertiment għat-tfal kollha. Biljetti jinkisbu mill-uffiċċju tal-Kunsill għall-prezz ta' €2 sat-Tlieta 23 ta' Diċembru 2014 ħinijiet tal-uffiċċju.

## ĦARĠA F' GĦAWDEX

Il-Kunsill Lokali ser jorganizza ħarġa għal kulħadd f' Għawdex **il-Ġimgħa 26 ta' Diċembru 2014**. Ser inżuru diversi presepji fosthom Betlehem animat f' Għajnsielem. Ser nitilqu minn Pjazza l-Assunta fl-4.30 ta' filgħaxija. Dawk li jixtiequ jiġu magħna, mitluba jċemplu l-Kunsill biex jinkitbu sal-Erbgħa 24 ta' Diċembru 2014 ħinijiet tal-uffiċċju.

## ĦARĠA GĦAL MALTA

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ ser jorganizza ħarġa għal Malta nhar **it-Tlieta 6 ta' Jannar 2015**. Nitilqu minn Pjazza l-Assunta fis-6.45 ta' filgħodu u niġu lura mal-vapur tal-4.30 ta' filgħaxija. Ser immorru fost l-oħrajn il-Monti tal-Birgu u l-Belt Valletta. Dawk li jixtiequ jiġu magħna, għandhom jibbukkjaw fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali sal-Ġimgħa 2 ta' Jannar 2015.

**10 ta' Diċembru 2014** **Nru. 17/14**